MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Numru. 186/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Martin Agius**

**Kumpilazzjoni Nru: 186/2009**

Illum, 3 ta' Marzu, 2009,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Martin Agius ta' 26 sena, iben Anthony u Mary nee' Busuttil, imwieled Pieta` nhar it-13 ta' Jannar 1983 u residenti 25 Triq tal-Fjuri, Mqabba, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 67383M.

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Jannar, 2009, bejn il-5pm u l-11.30pm, u/jew qabel dan il-hin f' Malta, ghad li ma kienx wiehed mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) ta'

l-artikolu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi ta' delitt ta' serq aggravat, fost ohrajn bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mill-fond numru 21, Ta' Martin, fi Triq Mikielang Busuttil Safi.

Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata 24 ta' Settembru, 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-artikoli 42(d), 49, 50, 261(c), u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta'l-imputat li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, u wara li rat l-artikoli 42(d), 49, 50, 261(c), u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

In oltre l-Qorti qed tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta’l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------